## IL-ĦAMES PARTI
## L-EWWEL SEZZJONI
## APPELLI KRIMINALI
## (Sede Superjuri)

**17 ta' Jannar, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Ir-Repubblika ta' Malta

*versus*

Carmelo *sive* Charles Tabone

## Stqarrija ta' Persuna Suspettata Quddiem Maġistrat Inkwirenti - *Caution*

*Meta jirriżulta* ab initio *mill-atti proċesswali illi persuna suspettata tkun ġiet interrogata mingħajr ma tkun ġiet informata li tista' tagħżel li ma tinkriminax ruħha, dik il-konfessjoni hija min-natura tagħha stess suspetta għal dik li hija volontarjeta' talment li jkun perikoluż li tinġieb a konjizzjoni ta' min għandu jiġġudika fuq il-fatti.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-6 ta' Mejju, 1994:

"Il-Qorti:-

Rat in-nota ta' l-akkużat li bija eċċepixxa:

Illi Carmelo Tabone fil-11 ta' Mejju, 1992 xehed quddiem il-Maġistrat Inkwirenti Carol Peralta mingħajr ma ngħata twissija li seta' jagħżel li ma jixhedx u dan meta ġa` kien ċar li hu kien indizjat u meta ġa` l-Pulizija kienet taf li ser tressqu bħala akkużat - u għalhekk din ix-xhieda li qiegħda a fol. 9 tal-proċess verbali li sar mill-Maġistrat Inkwirenti għandha tiġi sfilzata;

Illi l-*istatement* ta' l-akkużat ittieħed fit-12 ta' Mejju, 1992 inutilment l-għada li Carmelo Tabone kien ġa` ta x-xhieda tiegħu quddiem il-Maġistrat Inkwirenti u mingħajr ma ngħata twissija li seta' jagħżel li jibqa' sieket. Id-dritt ta' l-akkużat għas-silenzju ġie leż. U għal dawn il-motivi l-istqarrija ta' l-akkużat għandha tiġi sfilzata;

Illi mill-kompilazzjoni ma hemmx biżżejjed provi li jwasslu għall-akkuża ta' attentat ta' omiċidju volontarju u għalhekk l-akkużat qiegħed jiġi vvessat b'akkuża akbar minn dik neċessarja u għaldaqstant din l-akkuża m'għandhiex treġi;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument ta' l-akkużat u, ċjoe`:

Ix-xhieda kollha indikati mill-Avukat Ġnerali;

*Omissis;*

Rat in-nota li bih l-Avukat Ġenerali ta l-eċċezzjoni ta' l-inammissibilita` tax-xhieda indikati mill-istess Carmelo *sive* Charles

Tabone jiġifieri Dr. A. Felice, Joseph Schembri, Manwel Schembri, Charles Schembri, Charlo Cutajar, Charles Zaffarese, Alex Farrugia, Dr. M. Montanaro Gauci, Av. Raymond Zammit u d-dokumenti nnumerati Dok. A sa Dok. F billi minn imkien ma jidher li d-deposizzjonijiet tagħhom huma jew jistgħu jkunu relevanti għall-meritu tal-każ;

Rat l-atti l-oħrajn u ttrattati l-eċċezzjonijiet tikkunsidra illi:

Fl-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tiegħu l-akkużat jissottometti li x-xhieda ta' l-akkużat quddiem il-Maġistrat inkwirenti u l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija għandhom jiġu sfilzati billi f'ebda waħda minn dawn l-okkażjonijiet ma ġie mogħti twissija li seta' jagħżel li ma jixhedx u jibqa' sieket;

Dawn iż-żewġ dokumenti allegatament jikkostitwixxu konfessjoni fit-termini ta' l-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali. La l-Maġistrat u l-anqas l-uffiċjal li interroga lill-akkużat ma kienu tenut bil-liġi li jwissih li ma kienx obbligat jitkellem. Jekk l-istess dokumenti għandhomx jittieħdu bħala prova jew le jiddependi minn jekk ġewx magħmulin mill-akkużat volontarjament bla ma kien imġiegħel b'theddid jew b'biża' jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi. Fil-ġuri huma l-ġurati biss li jiddeċidu fuq l-ammissibilita' jew le bħala prova tad-dokumenti in kwistjoni;

Kwantu għat-tielet eċċezzjoni ta' l-akkużat, il-fatti li jikkostitwixxu r-reat ta' tentattiv ta' omiċidju dedott huwa fl-att ta' l-akkuża mfisser ċar. Issa jekk din l-akkuża finalment treġix jew le jiddependi mill-verdett tal-ġurati;

Kwantu għall-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali dana fil-kors

tat-trattazzjoni irtira l-opposizzjoni tiegħu għall-produzzjoni mill-akkużat tad-dokumenti A, B, Ċ, D u E indikati mill-akkużat. L-Avukat Ġenerali żamm ferma l-opposizzjoni tiegħu għall-produzzjoni tad-dokument F;

Dan id-dokument F huwa affidavit ta' Joseph Brignoli li ġie indikat mill-akkużat bħala xhud tiegħu. Brignoli allegatament kien preżenti fil-ħin ta' l-inċident. Id-dokument F ma jistax jiġi ammess bħala prova. Għandu jiġi ammess biss jiex jintuża jekk ikun opportun għall-kontroll ta' l-imsemmi Joseph Brignoli f'każ li dan jixhed;

Fit-trattazzjoni l-akkużat iddikjara li lill-Konsulent Mr. A. Felice, Joseph Schembri, Manwel Schembri, Charles Schembri, Charlo Cutajar, Charles Zaffarese, Alex Farrugia u Dr. Montanaro Gauci jrid jipproduċihom biex jixhdu dwar inċident li ġara bejn l-akkużat u Martin Silvio madwar sena wara l-inċident meritu tal-kawża odjerna. Jidher ovvju li dan l-inċident l-iktar reċenti m'għandhux x'jaqsam ma' dak ta' qabel. Dawn ix-xhieda għalhekk mhumiex ammissibbli għall-prova kif iddikjarata;

L-Avukat Dottor Ray Zammit ġie rikjest bħala xhud mill-akkużat in konnessjoni ma' l-istqarrija dokument F. Dan għandu jiġi ammess jixhed f'każ li tiġi użata dik l-istqarrija;

Għall-motivi premessi:

Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha ta' l-akkużat;

Kwantu għall-eċċezzjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali:

Ma tammettix il-produzzjoni bħala xhieda mill-akkużat lill-persuni msemmijin fil-paragrafi 6 u 7 hawn fuq, ħlief lill-Avukat Dottor Ray Zammit bl-iskop li jixhed dwar l-affidavit dokument F fil-każ li dan jiġi użat kif ser jiġi msemmi hawn taħt;

Ma tammettix il-produzzjoni ta' l-imsemmi affidavit dokument F ħlief għall-iskop ta' kontroll tax-xhud Joseph Brignoli;

Tammetti l-produzzjoni mill-akkużat tax-xhieda u d-dokumenti l-oħrajn";

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-akkużat Carmelo *sive* Charles Tabone li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġbha tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali billi tilqa' t-tliet eċċezzjonijiet minnu ssollevati u tammetti bħala xhieda l-persuni kollha indikati u tammetti wkoll id-dokument F bħala produċċibli;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-appellant għandu erba' aggravji li ser jiġu kkunsidrati *seriatim*. It-tielet aggravju, pero`, skond kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' Diċembru, 1994 ġie rtirat mill-appellant u għalhekk din il-Qorti mhux ser tirreferi aktar għalih;

L-ewwel aggravju jirrigwarda d-dikjarazzjoni li l-appellant allegatament kien għamel lill-Maġistrat Inkwirenti fil-kors ta' l-inkjesta. L-appellant jilmenta li ma kinitx korretta legalment l-ewwel

Onorabbli Qorti meta waslet għall-konklużjoni li l-liġi tagħna tippermetti li persuna li ser tkun akkużata jittehdilha stqarrija mingħajr ma din tkun ġiet imgħarrfa li għandha dritt li ma tagħmel ebda stqarrija. Skond l-appellant il-Qrati Maltin ta' ġurisdizzjoni kriminali f'dawn l-aħħar tletin sena dejjem sostnew li persuna għandha tiġi mgħarrfa li tista' ma tixhidx jekk hija ser tinkrimina ruħha. Dan ma sarx f'dan il-każ u seta' sar għax kien jidher diġa` f'dak l-istadju li huwa kien persuna suspettata;

Id-dikjarazzjoni li l-appellant qed jikkontesta bħala illegalment meħuda minnu tinsab a fol. 9 ta' l-inkartament tal-*procès verbal* redatt (Dok. 5 a fol. 94 tal-proċess) mill-Maġistrat li żamm l-inkjesta wara li kien sarlu r-rapport mill-Ispettur. Jidher li l-Maġistrat, infurmat mill-Ispettur li Carmelo Tabone, l-appellant odjern, kien qed jinżamm arrestat fiċ-Ċentru tal-Pulizija, il-Furjana, aċċeda fl-istess Ċentru u hemm interrogah. L-appellant jallega li f'dik l-okkażjoni huwa kien diġa` jinsab taħt arrest u ġie interrogat mingħajr ma l-istess Maġistrat wissieh li kellu dritt ma jweġibx għad-domandi li kienu ser isirulu jekk kien jidhirlu li dawn setgħu jinkriminawh. Minħabba li ma kienx infurmat b'dan id-dritt tiegħu, huwa rrilaxxja d-dikjarazzjoni msemmija li issa qed jippretendi li m'għandhiex tikkostitwixxi prova għax bil-mod imsemmi ġiet li ttieħdet illegalment mingħandu;

Huwa għalhekk qabel xejn rilevanti jiġi rreġistrat dak li almenu mill-atti proċesswali migbura s'issa jidher li ġara:

Fuq x'ġara sewwa fl-okkażjoni tat-teħid tad-dikjarazzjoni/ konfessjoni infiċjata, xehed, fost l-oħrajn, l-ispettur Michael Cassar (fol. 30) li jgħid hekk: "Wara l-inkjesta, fil-frattemp ċjoe` ġie arrestat l-imputat li ttieħed id-Depot. Aħna morna d-Depot, jiena flimkien

ma' l-Ispettur Peter Paul Zammit u hemmhekk assistejna waqt li l-Maġistrat ta' l-Għassa beda jkellem lill-imputat". L-istess Spettur iżid jgħid: "Pero' fit-tnax ta' Mejju ċjoe' l-għada ta' l-inċident, jiena flimkien ma' l-Ispetturi Emmanuel Cassar u Peter Paul Zammit erġajna kellimna lill-imputat wara li tajnieh is-solita' twissija u fil-fatt ikkonferma dak li kien qal lill-Maġistrat u anke rrilaxxja din l-istqarrija li fiha qed nagħraf il-firma tiegħi, ta' l-Ispetturi Peter Paul Zammit u Emmanuel Cassar kif ukoll il-firma ta' l-imputat";

L-Ispettur Peter Paul Zammit (fol. 20) xehed hekk fil-kors tal-kompilazzjoni: "Ġie l-Maġistrat fuq il-post, sar aċċess. L-esperti relattivi, sar ix-xogħol kollu li kien hemm bżonn. Minn hemm tlaqna tard fil-għaxija fejn bdew jittieħdu x-xhieda mill-Maġistrat Inkwirenti ta' diversi nies. Fosthom l-imputat Carmel Tabone, ta' Dominic Flores u tal-pulizija etc. li setgħu jagħtu xi għajnuna fl-inċident relattiv. Dan il-fatt jirriżulta fil-*proces verbal* aktar tard. L-għada t-12 ta' Mejju għall-ħabta tal-5.10 p.m. jiena flimkien ma' l-Ispetturi Emmanuel Cassar u Michael Cassar wara s-solita' twissija lill-imputat Carmelo *sive* Charles Tabone li qed nara u nagħraf f'din l-Awla, ħadnielu stqarrija konsistenti fi tliet faċċati ....";

L-Ispettur Emmanuel Cassar (fol. 62 *et seq*) xehed hekk fil-kors tal-kompilazzjoni: "Dak il-ħin jiena ġejt mogħti struzzjonijiet biex immur id-Depot peress li sirt naf li kien ġie arrestat il-persuna involuta u għalhekk mort l-uffiċċju tiegħi. Ftit tal-ħin wara li wasalt ġew in-nies ta' l-Ispettur Peter Paul Zammit bl-imputat Carmelo Tabone li qed nagħraf fl-Awla u daħħaltu l-uffiċċju tiegħi. Kif daħal ried li jċempel lill-avukat u jien għidtlu li għalissa avukat ma jistax ikellem. Għidtlu li mbagħad 'il quddiem ikollu ċans ikellmu kemm irid. Reġa' baqa' jinsisti biex ikellem 'il-avukat u bdejt nispjegalu li m'għandux dritt u jiena għidtlu li l-unika dritt li għandu hu li ma

jirrispondix għad-domandi li nagħmillu. Qalli: "Imma dan inti għadek ma għidtulix". Għidtlu: "Jiena għadni ma tlabtek xejn, kull ma tlabtek ismek u l-partikolaritajiet tiegħek". Jiena għidtlu: "dawn trid ittihomli bil-fors". Hu kien jidher *touchy* ħafna, kif tkellmu jipprova qisu mhux jaħbat għalik imma kien daqsxejn aggressiv. Ftit tal-ħin wara laħaq ġie l-Maġistrat ... fl-uffiċċju tiegħi u beda jkellmu hu .... Meta ġie l-Maġistrat eżatt wara, l-imputat kien daqsxejn arroganti miegħu wkoll, mal-Maġistrat .... Xehed quddiem il-Maġistrat fejn ta l-versjoni tiegħu x'kien ġara fejn qal .... Sadanittant, l-għada fit-12 ta' Mejju, jiena, l-Ispettur Peter Paul Zammit u l-Ispettur Michael Cassar ħassejna l-bżonn li neħdulu stqarrija bil-miktub għalkemm kien ġa' xehed quddiem il-Maġistrat, fejn fiha ta, wara li ġie mogħti s-solita' twissija, irrilaxxja stqarrija li qed nara bħala dok. 2 ... ";

Dawn mela huma l-provi relattivi u minnhom l-ewwel ħaġa li din il-Qorti tinnota hija li filwaqt li t-tliet Spetturi kwantu jirrigwarda l-interrogatorju li għamlu <u>huma</u> l-għada li l-Maġistrat interroga lill-appellant li rrilaxxja l-ewwel stqarrija <u>jgħidu espressament</u> li dan l-interrogatorju ġie kondott minnhom u l-appellant irrilaxxja l-istqarrija (Dok. 2) <u>wara li huma wissewh bid-dritt tiegħu li kellu li ma jirrispondix għad-domandi li kienu ser jagħmlulu</u>, mentri meta jirreferu għall-interrogatorju li kkonduċa l-Maġistrat il-jum preċedenti u l-istqarrija li rrilaxxja f'dik l-okkażjoni l-appellant, huma <u>ma jsemmu xejn dwar it-twissija jew *caution* li l-Maġistrat seta' ta lill-appellant</u>. Dan iġiegħel lil din il-Qorti ttendi taħseb li jista' jagħti l-każ li l-imputat ġie interrogat mill-Maġistrat mingħajr ma ġie avżat bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket;

It-tieni fatt li jemerġi mix-xhieda tat-tliet Spetturi huwa li ma jistax ikun hemm dubbju li filwaqt li l-Maġistrat iddeċida li

jinterroga lill-appellant, dan ta' l-aħħar ċertament kien fi stat ta' arrest;

Stabbilit dan, din il-Qorti tara li huwa utili li tirrileva li in kwantu s-sentenza appellata qalet: "La l-Maġistrat u lanqas l-uffiċjal li interroga lill-akkużat ma kien tenut bil-liġi li jwissih li ma kienx obbligat jitkellem", hija assolutament ma taqbilx. Anzi tgħid li din l-affermazzjoni ta' l-ewwel Onorabbli Qorti hija anakronistika għall-aħħar u ser tispjega brevement għaliex;

Fil-proċess penali wieħed mill-prinċipji fondamentali huwa li l-imputat għandu d-dritt li jibqa' sieket u l-liġi tiżgura li huwa jiġi mgħarraf b'dan id-dritt tiegħu sa mill-bidu nett tal-proċess. Minn dan il-prinċipju li kif ingħad japplika għall-proċess penali, fis-sistema tagħna sa mis-snin 30 daħlet il-prattika li anke fil-fażi ta' l-investigazzjonijiet il-pulizija twissi lil dak li jkun ser jiġi interrogat li jista' jagħżel li ma jitkellimx. Jidher ukoll li din il-prattika ġiet introdotta f'Malta fuq l-iskorta ta' *Rule II* tal-*Judges Rules* viġenti fl-Ingilterra dak iż-żmien. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn sentenzi tal-Qrati tal-Maġistrati fis-sentenza tagħha in re **Il-Pulizija *vs* Mifsud** deċiża fl-20 ta' Ottubru, 1955 kienet qalet hekk: "L-esperjenza mill-1930 'l hawn turi li fil-preżent l-ammoniment qed isir daqslikieku kien obbligu b'liġi u huwa sewwa u desiderabbli li jitkompla jsir biex jiġu evitati kwistjonijiet u dubbji". Sussegwentement permezz ta' *Rule IV* tal-*General Orders* No. 5 ta' l-1961, il-Kummissarju tal-Pulizija ta' dak iż-żmien ordna li kull uffiċjal tal-Korp Malti kellu d-dover "*to caution a suspect in the following terms: "You are not obliged to say anything unless you wish to do so, but whatever you say will be taken down in writing and may be given in evidence*". Skond *Rule 3*, ukoll "*persons <u>in custody</u> should not be questioned without the usual caution being*

*first administered*". Issa huwa veru li teżisti ġurisprudenza li tirritjeni li l-konfessjoni ta' l-imputat hija ammissibbli avolja ma jkunx sar lill-imputat l-ammoniment li jista' ma jirrispondix għad-domandi li jsirulu - ara per eżempju **Rex** ***vs*** **Briffa** tas-7 ta' Novembru, 1930 (Qorti ta' l-Appell Kriminali), **Il-Pulizija** ***vs*** **Edward Mifsud** ta' l-20 ta' Ottubru, 1955 (Qorti ta' l-Appell Kriminali) u **Il-Pulizija** ***vs*** **A. Cassar** tat-30 ta' Novembru, 1978 (Qorti ta' l-Appell Kriminali). Jiġi nnotat li din l-aħħar sentenza ngħatat wara li l-Kummissarju tal-Pulizija kien ħareġ l-ordni li ssemmiet. F'dik l-okkażjoni l-Qorti ppresjeduta mill-Onor. Imħallef Oliver Gulia kienet qalet "L-effett tal-*caution* huwa li f'ħafna każi telimina kwistjonijiet li jistgħu jinqalgħu dwar il-volontarjeta` ta' l-istess stqarrija, iżda darba jirriżulta - oneru ta' prova dan li jaqa' fuq il-prosekuzzjoni - illi l-istqarrija tkun ittieħdet volontarjament fis-sens tar-rekwiżiti ta' l-artikolu 654 tal-Kodiċi Kriminali, tista' tittieħed bi prova kontra min ikun stqarrha";

Jidher li anke fl-Ingilterra l-posizzjoni kienet l-istess fis-sens illi anke fl-assenza tal-*caution,* konfessjoni setgħet tkun ammissibbli bħala prova jekk mogħtija volontarjament (**Bourdeau** ***vs*** **R** (1949). Pero`, man mano li komplew jiżviluppaw il-kunċetti ta' *fair trial* u bl-introduzzjoni tal-*Codes of Practice* tal-Pulizija Ingliża, is-sitwazzjoni xi ftit jew wisq tbiddlet u fit-termini ta' l-artikolu 67(11) tal-*Police and Criminal Evidence Act, 1984* il-fatt tan-nuqqas ta' *caution* hija waħda mill-fatturi li għandha tittieħed in konsiderazzjoni biex jiġi deċiż il-konfessjoni hiex ammissibbli jew le;

Din il-Qorti bla tlaqliq tafferma li temmen li jekk mill-atti proċesswali jirriżulta *ab initio* illi l-persuna suspettata, aktar u aktar jekk tkun taħt arrest, tkun ġiet interrogata mingħajr ma tkun ġiet

informata li tista' tagħżel li ma tinkriminax ruħha, dik il-konfessjoni hija min-natura tagħha stess suspetta għal dik li hija volontarjeta` talment li din il-Qorti tħoss li jkun perikoluż li tinġieb a konjizzjoni ta' min għandu jiġġudika fuq il-fatti - f'dan il-każ il-ġurati. Jekk dan l-argument huwa validu kwantu jirrigwarda każijiet fejn l-interrogatorju jsir mill-pulizjia, *multo magis* għandu japplika fejn l-interrogazzjoni issir mill-Maġistrat fil-kors ta' inkjesta. Effettivament, din il-Qorti temmen li m'għandhiex għalfejn tispjega għaliex Maġistrat għandu jevita sitwazzjonijiet fejn sussegwentement jista' jiġi argumentat li kien strumentali biex tiġi *ottenuta konfessjoni kontra l-volonta` ta' min għamilha jew li tali* persuna ma tkunx ġiet informata bid-dritt tagħha li ma tinkriminax ruħha. Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tgħid ħafna fuq dan. Maġistrat mhux uffiċjal tal-Pulizija u l-figura tiegħu tinsab introdotta fil-kors ta' l-inkjesta biex proprju jiġi assikurat li l-provi jinġabru u jiġu ppreservati b'mod li jagħmel unur lill-ġustizzja;

Qabel tagħlaq fuq dan l-aggravju din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li ntqal mis-*Supreme Court* ta' l-Istati Uniti fis-sentenza tagħha **Miranda vs State of Arizona** (1966) li fil-fehma tagħha huwa rilevantissimu: "*It is obvious that an interrogation environment is created for no purpose other than to subjugate the individual to the will of his examiner. This atmosphere carries its own badge of intimidation. To be sure, this is not physical intimidation, but is equally destructive of human dignity. The current practice of incommunicado interrogation is at odds with one of our Nation's most cherished principles - that the individual may not be compelled to incriminate himself. Unless adequate protective devices are employed to dispel the compulsion inherent in custodial surroundings, no statement obtained from the defendant can truly be the product of his free choice ....*";

In konklużjoni għalhekk din il-Qorti tara li l-fil konduttur fis-soluzzjoni ta' problemi bħal din in eżami mhux l-approċċ ristrett ibbażat fuq l-ittra tal-liġi iżda s-sens wiesgħa tal-ġustizzja li għadha tkun ta' gwida għall-aħjar tutela tad-drittijiet taċ-ċitaddin. Wara kollox, *pajjiżna* segwa t-triq murija mill-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali bħala att ta' fidi fil-prinċipji hemm ikkontenuti fosthom li jiggarantixxi aħjar il-kunċett ta' *fair trial* u fil-fehma ta' din il-Qorti illum wasal iż-żmien li jiġi affermat li l-ġurisprudenza li fuqha evidentement ibbażat ruħha l-ewwel Onorabbli Qorti mhix dik li tittutela bl-aħjar mod id-drittijiet taċ-ċitaddin;

Qabel tagħlaq, din il-Qorti tirrileva wkoll li jirriżulta mill-atti - u ma jidhirx li anke lontanament dan jista' ddubitat - illi t-tliet Spetturi li kienu preżenti waqt li l-Maġistrat kien qed jinterroga lill-appellant, il-ġurnata ta' wara deherilhom li kien hemm in-neċessita` li jinterrogawh huma mill-ġdid wara li jtuh il-*caution* u li din id-deċiżjoni immaturawha għax kellhom suspett fondat li waqt li l-appellant kien qed jiġi interrogat mill-Maġistrat, huwa (l-appellant) seta' kien xurban;

F'dawn iċ-ċirkostanzi, indipendentement minn kull konsiderazzjoni oħra, is-sens tal-ġustizzja jagħmilha impellenti fuq din il-Qorti li tieħu l-inizjattiva u tiżgura li d-dikjarazzjoni/konfessjoni li saret lill-Maġistrat u li għaliha jirreferi l-ewwel aggravju ta' l-appell ma titpoġġiex quddiem il-ġurati. Konsegwentement din il-Qorti qed tiddikjaraha inammissibbli;

Ikkunsidrat:

It-tieni aggravju ta' l-appellant jirreferi għat-tieni stqarrija tiegħu ċjoe` dik li rrilaxxja lit-tliet Spetturi u li tinsab esebita fil-

proċess a fol. 25 sa 27;

L-appellant jissottometti li anqas din l-istqarrija m'hi volontarja. La darba kienet ittieħdet l-ewwel dikjarazzjoni quddiem il-Maġistrat ma kienx hemm ebda skop li huwa ma jagħtix it-tieni stqarrija. Huwa kien diġa' xehed mingħajr ma ġie mwissi u għalhekk ma kien ebda forma ta' spjegazzjoni li huwa seta' ma jgħid xejn. Anzi kollox juri li ma ġie mfisser xejn konkretament lilu u għalhekk din it-tieni stqarrija ma kinitx volontarja fis-sens li kienet ġejja minn deċiżjoni posittiva li jixhed. Għalhekk, fil-fehma ta' l-appellant, it-tieni dikjarazzjoni tiegħu mhix ammissibbli skond il-liġi;

Din il-Qorti mingħajr eżitazzjoni ta' xejn tikkunsidra dan l-aggravju bħala totalment infondat. Infatti jirriżulta mill-atti proċesswali li skond it-tliet Spetturi msemmija, mhux kontradett, fl-okkażjoni tat-tieni stqarrija, huwa ġie mwissi bid-dritt tiegħu li jibqa' sieket. Jirriżulta wkoll li inoltre huwa ffirma wkoll għall-fatt li ġie mogħti din il-*caution*. Għalhekk il-fatt li l-ġurnata ta' qabel seta' ma ġiex imwissi mill-Maġistrat ma setax kellu l-konsegwenza li issa qed jippretendi. Infatti jekk il-ġurnata preċedenti kien f'sensih, imissu nduna li persuni ferm inqas awtorevoli mill-Maġistrat kienu qed javżawh bid-dritt tiegħu li seta' faċilment japprofitta ruħu minnu u jekk fil-jum ta' qabel ma kienx f'sensih, l-għada jidher li kien u għalhekk m'hemmx raġuni għala *prima facie* jista' jingħad li l-istqarrija in kwistjoni ġiet karpita mingħandu kontra l-volonta' tiegħu;

Dan l-aggravju, għalhekk qed jiġi respint;

Baqa' biss l-aħħar aggravju u li jirrigwarda xi xhieda li l-appellant ried jipproduċi dokument (Dok. F) li hija affidavit ta'

ċertu Brignoli;

Dwar din l-istqarrija, l-appellant qed jissottometti li dan Brignoli jista' jmut qabel ma jsir il-ġuri - anke jekk s'issa jidher li jbigħ is-saħħa! - u għalhekk l-affidavit tiegħu għandu jifforma parti mill-provi għax altrimenti jekk imut u ma jkunx sar dan l-affidavit ma jkunx jista' jinqara. Apparti l-oriġinalita` tal-ħsieb u tas-sottomissjoni din il-Qorti tittama li sottomissjonijiet bħal din ma jsirux aktar għax frankament ma jsibu assolutament ebda konfort fil-liġi. Il-liġi invece tipprovdi għal diversi soluzzjonijiet li jinsabu fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) u reżi applikabbli għal proċeduri kriminali iżda ċertament l-ebda leġislatur sapjenti s'issa ma kkontempla dak li qed jissottometti l-appellant;

Kwantu jirrigwarda x-xhieda li l-appellant irid jipproduċi din il-Qorti ma tarax il-każ li żżid fuq dak li qalet l-ewwel Onorabbli Qorti u l-appellant ma qal xejn ġdid. Għalhekk din il-parti relattiva tas-sentenza appellata ser tiġi kkonfermata;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell ta' l-akkużat billi tilqgħu biss in kwantu jirrigwarda d-dikjarazzjoni/konfessjoni li huwa rrilaxxja lill-Maġistrat fil-kors ta' l-inkjesta u tiċħdu fil-kumplament tiegħu. Konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi (a) tirrevokaha in kwantu ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-akkużat relattiva għad-dikjarazzjoni/konfessjoni msemmija ċjoe` dik formanti parti mill-*proces verbal* tal-Maġistrat (Dok. 5) u minflok tilqa' l-istess eċċezzjoni u tiddikjara l-istess dikjarazzjoni/konfessjoni bħala inammissibbli bħala prova u (b) tikkonfermaha fil-kumplament kollu tagħha. L-atti proċesswali qed jiġu rimessi

lill-ewwel Onorabbli Qorti għall-kontinwazzjoni skond il-liġi.